ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
RIĊERKA, INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2018**

| | | |
|---|---|---|
| **Il-Ħames Sena** | **IL-MALTI (Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba)** | **Il-Ħin: Siegħa u Kwart** |

**L-isem u l-kunjom:** ______________________ **Il-klassi:** __________

| Il-Marki | |
|---|---|
| **Il-Fehim mill-Qari** | **Il-Kitba** |
| ____ 30 marka | ____ 30 marka |

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek, kunjomok u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli barra xejn.

IL-FEHIM MILL-QARI

10 marki

**A. Aqra dan it-tagħrif.**

## Il-Poeżija fl-Ixkejjer tal-Patata




Din is-sena, 2018, il-Belt Valletta u l-belt Olandiża ta' Leeuwarden huma l-Bliet Ewropej tal-Kultura.

Li għandhom komuni Malta u l-Olanda huwa li t-tnejn ikabbru l-patata. L-Olandiżi jkabbru ż-żerriegħa li l-Maltin jiżirgħu fl-għelieqi tagħhom. Minn hawn nibet il-proġett *Il-Poeżija fl-Ixkejjer tal-Patata*.

Kull sena bejn l-2015 u l-2018, tmien poeti Maltin u tmienja Olandiżi bdew jiktbu poeżiji oriġinali u jitfgħuhom fl-ixkejjer kollha tal-patata. Hekk kull familja Olandiża li xtrat xkora patata Maltija bdiet issib fiha poeżija Maltija maqluba għall-Ingliż u l-Olandiż. Bl-istess mod, meta l-bdiewa Maltin xtraw iż-żerriegħa f'Ottubru, huma sabu poeżiji Olandiżi maqlubin għall-Malti u l-Ingliż. B'hekk, fuq medda ta' erba' snin, inħolqot ħbiberija bejn għadd ta' poeti Maltin u Olandiżi.

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li qrajt.**

**1. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** (3 marki)

a. Malta u l-Olanda huma magħrufa għall-(poeżiji, patata, pitravi) tagħhom.

b. (Il-Maltin, L-Olandiżi, L-Ingliżi) jaħdmu biex ikollna l-patata x'niżirgħu.

ċ. Dan il-proġett ilu sejjer (tliet, erba', ħames) snin.

**2. Għid jekk hux veru jew falz skont dak li hemm fis-silta.** (4 marki)

| | **Veru** jew **Falz** |
|---|---|
| a. Kull sena b'kollox ħadu sehem sittax-il poeta f'dan il-proġett. | |
| b. Il-poeti setgħu jikkupjaw poeżiji ta' ħaddieħor. | |
| ċ. Il-poeżiji kienu biss bil-Malti u bl-Olandiż. | |
| d. F'kull xkora tal-patata beda jkun hemm poeżija. | |

**3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet skont dak li qrajt.**

a. Meta tasal Malta ż-żerriegħa tal-patata mill-Olanda?

_______________________________________________ (marka)

b. X'ġid taħseb li ħareġ minn dan il-proġett? Semmi **żewġ** affarijiet.

i) _______________________________________________

ii) _______________________________________________

(2 marki)

**B. Issa aqra l-informazzjoni dwar James Martin fuq il-karta separata.**

**Żomm il-karta ħdejk biex twieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin.**

**Issa wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-informazzjoni li qrajt.**

**Ikteb pulit u b'Malti tajjeb.**

**Jingħataw 3 marki żejda għal kitba tajba.**

| |
|---|
| ______ 20 marka |

**1. Ikteb jekk hux veru jew falz.** (2 marki)

| | Ikteb **Veru** jew **Falz** |
|---|---|
| a. Qatt ma kien hemm Maltin li skoprew xi art barranija. | |
| b. James Martin kien Ingliż. | |

**2.** Għaliex James Martin ma kompliex l-iskola?

______________________________________________(marka)

**3.** Semmi **żewġ** affarijiet li kien jagħmel James Martin meta kien ikun il-Port il-Kbir.

a.______________________________________________ (marka)

b______________________________________________(marka)

4. Għaliex James Martin telaq l-ewwel xogħol li kellu?

______________________________________________(marka)

**5a.** X'għamel James Martin ta' sittax–il sena?

______________________________________________(marka)

**5b**. Għaliex taħseb li għamel hekk?

______________________________________________(marka)

**6.** Għaliex taħseb li James Martin kellu xortih tajba fuq il-baħar?

______________________________________________(marka)

**7a**. Agħti raġuni **waħda** għaliex taħseb li James Martin sar maħbub mill-Afrikani.

______________________________________________(marka)

**7b.** Għaliex il-vjaġġ li għamel James Martin ma' Joseph Thomson kien meqjus bħala wieħed perikoluż?

______________________________________________(marka)

**8**. Għaliex taħseb li n-negozjanti kienu jmorru għand James Martin biex jgħaddihom mill-artijiet tal-Maasai?

______________________________________________

______________________________________________(2 marki)

**9.** Xi tfisser l-espressjoni fl-aħħar ta' paragrafu 6: *itemmu l-vjaġġ qawwijin u sħaħ*?

______________________________________________

______________________________________________(2 marki)

**10.** Ikteb **fi kliemek** żewġ affarijiet li laqtuk mill-ħajja ta' James Martin.

1)______________________________________________

______________________________________________

2)______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

**Marka għall-ortografija:** _______ minn 3 marki. ***(Għall-użu tal-għalliema biss)***

IL-KITBA

______

10 marki

A. IL-GRAMMATIKA U L-ORTOGRAFIJA

**1. Aqra dawn is-sentenzi u wara wieġeb il-mistoqsijiet. L-ewwel waħda lesta.**



Anzjan Awstraljan inbidlitlu ħajtu mil-lejl għan-nhar wara li sab biljett tal-lotterija waqt li kien qed inaddaf il-karozza tiegħu ... sena wara li telgħet il-lotterija! Ir-raġel xtara l-biljett f'Jannar tal-2016. "Kont qed innaddaf il-karozza mill-ħafna affarijiet li kien fiha. B'kumbinazzjoni sibt il-biljett f'qiegħ ta' wieħed mill-basktijiet li kont se narmi!" qal l-anzjan. Huwa qal li kif sab il-biljett daħal jiċċekkja n-numri fuq l-internet u skopra li kien rebaħ 'il fuq minn miljun dollaru Awstraljan, li jiġu madwar 720,000 ewro!

| | | |
|---|---|---|
| a. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom fil-maskil.** | *anzjan* |
| b. | Agħti kelma oħra li tfisser l-istess bħal **nhar.** | |
| ċ. | Aqleb il-verb i**naddaf** fil-Futur. | |
| d. | Ibdel iż-żewġ kelmiet b'linja taħthom f'kelma waħda billi tuża l-**pronom mehmuż** mal-verb:<br>Ir-raġel xtara l-biljett f'Jannar 2016.<br>Ir-raġel ____________ f'Jannar 2016. | |
| e. | Imla l-vojt bl-**aġġettiv** it-tajjeb:<br>Il-biljett ____________________ (minn **tilef**) kien fil-qiegħ tal-basket. | |
| f. | Ikteb in-numru **720** fi kliem:<br>__________________________________________________ elf ewro. | |

**2. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa tal-lemin.**

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Il-plural ta' **qiegħ** huwa _________________. | qiegħan/qigħan |
| **b.** | L-anzjan fortunat kien<br>jgħix _________________________. | Awstralja/<br>l-Awstralja |

**3. Daħħal kelma waħda flok dawk fil-parentesi.**




Qed iddur ittra _________________ (*l-oppost ta'* **vera**) fid-djar li tgħidlek li qtajt xi numri u rbaħt somma flus. L-ittra fiha wkoll l-ismijiet ta' persuni oħra li għandhom _________________ (*il-verb* **sarraf** *fil-Preżent/ fl-Imperfett*) l-biljett. Jekk tirċievi xi ħaġa bħal din, _________________ (*il-verb* **għamel** *fil-Kmand/fl-Imperattiv singular*) pjaċir kbir lill-ambjent, u rriċiklaha!

## B. IL-KITBA TA' ITTRA ELETTRONIKA

| |
|---|
| ______ |
| 3 marki |

Issa li spiċċat is-sena skolastika, kompli imla din l-ittra elettronika lill-għalliem/a tiegħek dwar xi esperjenza sabiħa li kellek matul din is-sena. L-ittra trid tkun twila **bejn 15 u 20 kelma**.

**Mingħand:** ______________________________@ilearn.edu.mt
*(Ikteb ismek hawn)*

**Lil:** ______________________________@ilearn.edu.mt
*(Ikteb l-isem tal-għalliem/a)*

**Suġġett:** ______________________________________________________
*(Ikteb l-isem li tixtieq tagħti lil din l-ittra)*

Għażiża Sa __________________, (*Ikteb kunjom l-għalliema*) ***jew***
Għażiż Sur __________________, (*Ikteb kunjom l-għalliem*)

Jien, __________________________,(*ikteb ismek*) qed niktiblek din l-ittra biex ngħidlek li veru ħadt gost nitgħallem fil-klassi tiegħek. Ser nibqa' niftakar meta______________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

Grazzi ta' kulma għamilt miegħi din is-sena.
Dejjem tiegħek,

______________________
(*Ikteb ismek BISS*)

## Ċ. IL-KITBA TA' STORJA

17-il marka

**Agħżel waħda minn dawn l-istejjer u kompliha. Ikteb bejn 100 u 150 kelma fuqha.**

1. Kont fit-triq meta għadda trakk kbir mimli kaxxi qodma tal-injam. F'daqqa waħda ħa skoss kbir u waħda minnhom waqgħet ħdejn saqajk. It-trakk ma ndunax u baqa' sejjer…



*(X'għamilt bil-kaxxa? X'kien fiha? Ta' min kienet? Kif spiċċat din l-avventura?)*

*JEW*



2. Kont fis-sodda taqra ktieb sabiħ. F'daqqa waħda s-sodda bdiet iddur u tagħqad qisha żugraga. Ma bqajtx tara. Xħin waqfet, sibt ruħek f'nofs it-triq f'pajjiż li ma kontx taf…

*(X'għamilt malli sibt ruħek hemm? Kif kienu l-post u n-nies li kienu jgħixu hemm? X'qalulek in-nies tal-post u x'għedtilhom int? Kif spiċċat din l-avventura?)*

**Ċ.i. Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt. (2 marki)**

**Storja _________ (Ikteb 1 *jew* 2)**

**Ċ.ii. Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt.** **(15-il marka)**

**L-istorja għandha tkun bejn 100 u 150 kelma. Ikteb b'Malti sabiħ u tajjeb.**

- Tmiem il-Karta –